

**Appell ipprezentat fit-3 ta' Ġunju 2021 minn Foundation for the Protection of the Traditional Cheese of Cyprus named Halloumi mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fl-24 ta' Marzu 2021 fil-Kawża T-282/19 – Foundation for the Protection of the Traditional Cheese of Cyprus named Halloumi vs L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea**

**(Kawża C-345/21)**

(2022/C 24/14)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

*Appellant*: Foundation for the Protection of the Traditional Cheese of Cyprus named Halloumi (rappreżentanti: S. Malynicz, BL, S. Baran, Barrister, V. Marsland, Solicitor)

*Parti oħra fil-proċedura*: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea

Permezz ta' digriet tat-23 ta' Novembru 2021, il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) iddeċidiet li l-appell ma kienx ammess u li Foundation for the Protection of the Traditional Cheese of Cyprus named Halloumi għandha tbatli l-ispejjeż tagħha stess.

---

**Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mis-Sąd Okręgowy w Warszawie (il-Polonja) fil-21 ta' Lulju 2021 – J.K., B.K. vs Przedsiębiorstwo Państwowe X**

**(Kawża C-452/21)**

(2022/C 24/15)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

### Qorti tar-rinviju

Sąd Okręgowy w Warszawie

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti*: J.K., B.K.

*Konvenut*: Przedsiębiorstwo Państwowe X

### Domanda preliminari

L-Artikolu 191(1) u (2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Artikoli 7, 17 u 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali moqrija flimkien mal-Artikolu 1(1) u mal-Artikoli 2, 8 u 9 tad-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali<sup>(1)</sup>, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt nazżjonali, jiġifieri l-Artikolu 129(4) tal-ustawa z dnia 27 kwietnia 2001 r. – Prawo ochrony środowiska (il-Liġi tas-27 ta' April 2001 dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent), li tipprevedi terminu ta' żmien ta' tliet snin sabiex titressaq pretensjoni dwar il-limitazzjoni għall-mod ta' kif tintuża proprjetà immobbli, li jipprekludi lill-proprjetarji ta' proprjetà immobbli li tinsab fiż-żona ta' użu ristrett relatat mal-operat ta' ajruport milli jiksbu kumpens għat-tnaqqis fil-valur tal-proprjetà immobbli u li jiksbu kumpens għall-ispejjeż ta' soundproofing, bħalma huwa l-każ fil-kawża ineżami?

---

<sup>(1)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 101.